MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 1166/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**GIANELLA MEILAK**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **GIANELLA MEILAK,** ta' dsatax (19)-il sena, bint Joseph Meilak u Josephine xebba Borg, mwielda gewwa l-Pieta' nhar is-17 ta' Marzu 1994, residenti gewwa fond numru 177, Maria, Triq Is-Swieqi, Swieqi u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 139494(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata:

1. Talli nhar l-24 ta' Novembru 2013, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11:00) gewwa l-lokalita' tas-Swieqi, flimkien

ma' persuna ohra, kkommettiet serq ta' vettura tal-ghamla Ford Mondeo bin-numru tar-registrazzjoni FBW-803 ghad-dannu ta' Simon Green u jew ta' persuna jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. talli fl-istess data ghall-habta ta' 12.00hrs gewwa l-lokalita' tal-Hamrun, flimkien ma persuna ohra, bil-hsieb li taghmel reat ta' serq ta' vettura tal-ghamla Opel Vectra bin-numru ta' registrazzjoni ML04YJF ghad-dannu ta' Fayton Falzon u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa ta' aktar minn mitejn tnejn u tlettin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

3. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom att mill-estratt tat-twelid, fedina penali, zewg okkorrenzi, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali u zewg statements tal-imputata.

Semghet l-imputata tiddikjara li hija indigenti u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Cedric Mifsud sabiex jassisti lill-imputata.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilha llum 25 ta' Novembru 2013 u dan fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wisset lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha

zmien xieraq biex jekk riedet, setghet tega’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-25 ta’ Novembru 2013.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputata kkollaborat bi shih maghha tul din l-investigazzjoni, illi ma kinitx l-awtur ta’ dawn ir-reati izda komplici, illi bil-kollaborazzjoni tal-imputata, li l-Prosekuzzjoni irnexxielha ssolvi dawn iz-zewg reati fi zmien qasir, u inoltre r-resfurtiva kollha nghatat lis-sid legittimu salv ghall-qasba.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271, 279 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lill-imputata GIANELLA MEILAK hatja tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront taghha u tikkundannha sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin ai termini tal-Artikolu 28(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**
**Oltre dan tordna ai termini tal-Artikolu 28G (1) li l-imputata titqieghed taht Ordni ta’ Supervizjoni tul iz-zmien kollu tas-sentenza sospiza u dana skont id-direttivi msemmija fl-anness digriet.**

**Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza lill-imputata u x’jigri f’kaz li twettaq reat tul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.**
**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole bil-ghan li jigi nominat kandidat idejali sabiex ikun l-Ufficjal Sorveljanti tal-imputata odjerna.**

**Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------